# L-Attitudni Tagħna Tagħmel id-Differenza Kollha

Daqs sitt xhur ilu smajt storja li ġegħlitni naħseb. Raġel b'diżabilità li juża siġġu tar-roti wasal Malta bi *cruise-liner* għal btala. Hekk kif niżel mill-vapur, ra karozzin u interessa ruħu fih. Ix-xufier tal-karozzin staqsieh riedx rikba, iżda it-turist ikkonfonda għax ħass li karozzin qatt ma seta' jkun aċċessibli għalih. Meta rah daqshekk interessat, ix-xufier qallu biex ma jinkwieta xejn, refgħu għal fuq il-karozzin, rabat is-siġġu tar-roti fuq wara tal-karozzin u wasslu ħdejn il-Barrakka ta' Fuq fejn xtaq imur.

Għaliex din l-istorja laqtitni daqshekk? Għax meta tifliha sew tgħallimna ħafna dwar kif l-iżjed ħaġa li tiddetermina aċċessibiltà hi l-attitudni tagħna; attitudni negattiva u magħluqa ma ġġib magħha xejn ħlief xkiel filwaqt li attitudni pożittiva u miftuħa tiftaħ bibien anke fejn dawn jidhru magħluqin!

Fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, persuni b'diżabilità jiltaqgħu ma' diversi ostakli kkawżati minn attitudni negattiva fil-konfront tagħhom. Dawn huma biss ftit eżempji ta' diffikultatjiet li l-persuna b'diżabilità jkollha taffaċċja fil-ħajja tagħha ta' kuljum minħabba n-nuqqas ta' għarfien ta' persuni li m'għandhomx diżabilità:

- Inferjorità: kull darba li l-persuna b'diżabilità titqies inferjuri, u meta mhix rispettata bħala persuna;
- Ħasra: kull darba li wieħed iħares lejn il-persuna b'diżabilità bħala xi ħadd li jiddispjaċik għalih u titħassru;
- Elevazzjoni: kull meta l-persuna b'diżabilità nħarsu lejha bħala xi eroj, bħala speċjali, bħala anġlu, u ma ngħarfux li kulma tixtieq hu li tgħix ħajjitha bħal ħaddieħor;
- Injoranza: kull meta l-persuna b'diżabilità titqies inkapaċi, u nħarsu biss lejn id-diżabilità u mhux lejn il-persuna;
- Biżgħa: kull darba li wieħed jevita li jikkomunika ma' persuni b'diżabilità għax jibża' jew għax iħossu skomdu;
- Sterjotipi: kull darba li niġġeneralizzaw dwar il-persuni skond in-natura tad-diżabilità tagħhom u ma ngħarfux nirrispettaw lill-persuni bħala individwi.

Ir-realtà hi li aktar ma wieħed isir jaf lill-persuna b'diżabilità bħala student li jistudja fil-klassi miegħu, bħala kollega fuq il-post tax-xogħol, bħala ġar, bħala ħabib, aktar hemm lok li jiżviluppa attitudni pożittiva fil-konfront tal-persuna b'diżabilità.

Fl-aħħar mill-aħħar, ix-xewqa ta' kull persuna b'diżabilità hi li tgħix ħajjitha bħal ħaddieħor. Mela meta nkunu qed naħsbu dwar aċċessibilità u nibdew inġibu mitt elf eżempju ta' sitwazzjonijiet fejn diffiċli li din iseħħ, ikun tajjeb li nħarsu sew lejna nfusna u nistaqsu: l-attitudni tiegħi qed tgħin jew qed ixxekkel? X'nista' nagħmel jien biex

inrawwem attitudni pożittiva lejn id-diżabilità?'. Jien u int għandna nerfgħu responsabbiltà wkoll! Forsi x-xufier tal-karozzin għandu ħafna x'jgħallimna dwar dan!

Għall-okkażżjoni tal-Ġimgħa għal Persuni b'Diżabilita', il-Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilita' ħolqot it-tema "*Lura lejn il-Futur*". Ġew organizzati diversi attivitajiet, għal dawk il-persuni li jattendu ċ-Ċentri ta' Matul il-Jum għal Persuni b'Diżabilita', fosthom fi ħdan l-Aġenzija SAPPORT b'kollaborazzjoni mal-KNPD.

Brian Gauci u Agnes Bezzina, Aġenzija SAPPORT.

**Għal aktar informazzjoni dwar l-Aġenzija SAPPORT u s-servizzi li toffri wieħed jista' jċempel fuq 21 451 868 matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju. Aktar dettalji jinsabu wkoll fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija www.sapport.gov.mt.**

**Aġenzija SAPPORT tifforma parti mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali li tinkorpora Aġenzija sedqa www.sedqa.gov.mt u Aġenzija APPOĠĠ www.appogg.gov.mt.**